# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 22 ta' Settembru 2021**

**Talba numru 78/2020SFJ**

***Atmost Malta Limited (C73571)***

***vs.***

***Mark Zammit (224485M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Marzu 2020 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub illi l-konvenut kien debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' tlett elef u sitt mija u tmien Ewro (€3,608) rappreżentanti l-prezz ta' *fireplace*, aċċessorji u injam mixtrija mis-soċjetà attriċi, kif ukoll rappreżentanti xogħlijiet ta' installazzjoni mwettqa mill-istess soċjetà attriċi.

Ra li ntalbu l-ispejjeż u d-drittijiet, inklużi dawk konnessi mal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Ottubru 2019 u l-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba (fol. 4 sa fol. 15), li kienu jikkonsistu f'kopja ta' *statement* datat 20 ta' Mejju 2019 li jindika l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża kif ukoll kopja tal-ittra uffiċjali numru 2116/2019.

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fit-22 ta' Ġunju 2020 li permezz tagħha eċċepixxa:

- Li t-talbiet tas-soċjetà attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt; u
- Li l-*fireplace* ipprovdut mis-soċjetà attriċi lill-konvenut kien difettuż u konsegwentement ma kienx jiffunzjona sewwa.

Ra l-Kontro-talba tal-konvenut ippreżentata fit-22 ta' Ġunju 2020 li permezz tagħha ppremetta u talab:

- Illi huwa kien diġà ħallas lis-soċjetà attriċi elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500);
- Illi minħabba l-installazzjoni tal-*fireplace*, il-konvenut kellu bżonn is-servizzi tad-ditta *Solergia*, liema ditta huwa ħallasha elfejn u disa' mija u ħamsin Ewro (€2,950);
- Illi minħabba l-installazzjoni tal-*fireplace*, il-konvenut kellu jixtri xi materjal mingħand Ħalmann Vella Limited għall-prezz ta' sitt mija u tlieta u disgħin Ewro u sitt ċenteżmi (€693.06);
- Illi kien jirriżulta li l-*fireplace* inkwistjoni kien difettuż;
- Illi għalhekk, is-soċjetà attriċi kellha tirrifondi lill-konvenut is-somma ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500)
- Illi minħabba l-istess *fireplace*, il-konvenut kellu jinkorri spejjeż oħra li s-soċjetà attriċi kellha tirrifondalu; u
- Illi għal kull buon fini, il-kontro-talba tal-konvenut kienet qed tkun illimitata għal ħamest elef Ewro (€5,000).

Ra li speċifikament, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti kienu:

- Sabiex it-Tribunal jiddikjara li l-*fireplace* relattiv kien difettuż u għalhekk is-soċjetà attriċi kellha tirrifondalu l-ammont li hu ħallasha;
- Sabiex it-Tribunal jiddikjara li s-soċjetà attriċi kellha tirrifonda lill-konvenut rikonvenzjonanti ammonti minfuqa minnu minħabba li l-*fireplace* kien difettuż; u
- Sabiex it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallsu s-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000).

Ra r-Risposta tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata, ippreżentata fid-9 ta' Lulju 2020, li permezz tagħha ġie eċċepit:

- Illi t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonanti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-*fireplace* ma kellu ebda difett;

- Illi s-soċjetà rikonvenzjonata m'għandha tagħti ebda ammont lill-konvenut rikonvenzjonanti;

- Illi l-ispejjeż ossia fatturi ppreżentati mal-Kontro-talba ma kellhom ebda konnessjoni mal-allegati difetti tal-*fireplace*; u

- Illi mingħajr preġudizzju għall-bqija tal-eċċezzjonijiet, il-konvenut rikonvenzjonanti kellu jġib prova tal-ammont pretiż minnu u tad-danni allegatament sofferti.

Sema' ix-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-22 ta' Settembru 2021.

**<u>Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal sejjer jiddeskrivi partikolarment il-kontenut tal-affidavits tad-diretturi u l-ħaddiem tas-soċjetà attriċi sabiex jifhem aħjar il-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi.

Permezz ta' affidavit xehed Philip Grech. Dan qal li flimkien ma' kuġinuh Justin Attard Montalto kien ibiegħ u jinstalla *fireplaces* tramite s-soċjetà Atmost Malta Limited. Hu u kuġinuh kienu azzjonisti u diretturi tas-soċjetà attriċi. Qal li fl-2019 l-kumpannija biegħet *fireplace* tal-għamla *MCZ Forma T50* lil Mark Zammit, u l-prezz (inklużi l-installazzjoni, aċċessorji u injam) kien ta' €6,348. Minnhom, Zammit kien fadallu jħallas €3,608. Il-*fireplace* kellu jkun ordnat minn barra minn Malta billi ma kienx *in stock* u Zammit talabhom iġibuh malajr.

Grech spjega li l-*fireplace* wasal fl-4 ta' Frar 2019 u saret l-installazzjoni fid-dar tal-konvenut fil-Mellieħa. L-installazzjoni saret minn Grech stess, akkumpanjat minn Justin Attard Montalto u minn Stephen Cipriott. Ġiet installata anki ċ-ċumnija. Fil-ġurnata ta' wara, Stephen Cipriott mar iqabbad il-*fireplace* u kollox deher sewwa. Iżda dakinhar filgħaxija, Zammit ċempel lil Grech u qallu li ħġieġa minnhom kienet qed titħammeġ bid-duħħan. Il-*fireplace* kien kbir u kien magħluq bi tlett faċċati tal-ħġieġ.

Qal li fil-11 ta' Frar 2019, hu mar għand Zammit u qabbad il-*fireplace* u dam hemm xi tlett sigħat josserva. Qal li l-*fireplace* xegħel sewwa. Zammit irrimarkalu li n-nar kien qed jiġbed xi ftit lejn

ħġieġa tal-ġenb u jħalli marki ta' duħħan. Grech qallu li dak kien *fireplace* bin-nar u b'ħafna ħġieġ u xi ftit *residue* kellu jkun mistenni u seta' jitnaddaf faċilment. Wara dan l-episodju, Zammit reġa' ilmenta li l-ħġieġa kienet qed titħammeġ. Fl-1 ta' Marzu 2019, Grech reġa' mar għand Zammit u nxtegħel il-*fireplace*. Huma ċċekkjaw is-*settings* biex jaraw li kienu sewwa u ċċekkjaw ukoll li Zammit kien qiegħed iqabbad il-*fireplace* kif suppost. Kien hemm proċedura speċifika biex tqabbad il-*fireplace*, jiġifieri li wieħed kellu jżid l-injam u mbagħad jiftaħ ftit il-ventilazzjoni. Meta qabbad il-*fireplace* Grech stess, dan ħadem sewwa.

Lejn l-aħħar ta' Marzu 2019, Grech staqsa lil Zammit kif kien sejjer bil-*fireplace* għax ried li jitħallas il-bilanċ. Zammit qalilhom li kien qabbad il-*fireplace* xi darba jew tnejn u l-ħġieġ kien qiegħed jitħammeġ. Fid-9 ta' April 2019, Grech reġa' mar għand Zammit flimkien ma' Justin Attard Montalto. Il-*fireplace* xegħel u ħadem sewwa u ma kien hemm ebda duħħan mal-ħġieġ. Hemm, Zammit qalilhom li kien kuntent u kkonferma li kien ser iħallas il-bilanċ rimanenti sal-aħħar ta' dik il-ġimgħa. Meta għadda xi żmien u baqa' ma ħallasx, Grech ċempel lil Zammit u dan ilmenta li kien qiegħed juża biss nofs il-*fireplace*. Grech wieġeb li fil-fatt, il-*fireplace* kien qiegħed jaħdem sewwa.

Ix-xhud Stephen Cipriott, impjegat fi ħdan is-soċjetà attriċi, qal fl-affidavit tiegħu li hu kien wieħed minn dawk li nstallaw il-*fireplace* relattiv fil-fond tal-konvenut. L-għada tal-installazzjoni, huwa reġa' mar u l-*fireplace* deher li kien qed jaħdem sewwa u l-klijent deher kuntent. Fir-rigward tal-ilment dwar il-ħġieġ jitħammeġ mid-duħħan, ix-xhud qal li fl-esperjenza tiegħu (aktar minn ħames snin esperjenza), kien pjuttost normali li l-ħġieġ jitħammeġ, speċjalment meta kien wieħed b'ħafna ħġieġ bħalma kien il-mudell ta' Zammit.

Ix-xhud Justin Attard Montalto ppreżenta affidavit bl-Ingliż li fih ikkonferma li kien azzjonist u direttur fi ħdan is-soċjetà attriċi. Huwa kkonferma ħafna minn dak li xehed Philip Grech u żied jgħid li huma kienu nstallaw numru ta' *fireplaces* u kien normali li xi partijiet mill-ħġieġ isiru *cloudy*. Minkejja dan, huma ddiskutew l-ilmenti ta' Zammit u marru d-dar tiegħu diversi drabi biex forsi jirnexxielhom isibu soluzzjoni sabiex il-ħġieġ ma jitħammiġx daqshekk. Ix-xhud qal li darba fost l-oħrajn, meta kienu fid-dar ta' Zammit, ix-xhud kellu l-idea li l-*fireplace* jinxtegħel meta l-injam ikun eqreb lejn in-naħa ta' wara tal-*fireplace*. Zammit deher kuntent b'dan l-arranġament u mbagħad wiegħed li kien ser iħallas sal-aħħar tal-ġimgħa. Ix-xhud qal li huwa seta' jgħid b'mod definittiv li l-*fireplace* ma kienx difettuż u li ħadem sewwa fil-preżenza tiegħu. Qal ukoll li ma kienx minnu li l-konvenut seta' juża biss nofs il-*fireplace*.

Huwa ċar mill-provi li huwa minnu li s-soċjetà attriċi ssupplixxiet u nstallat *fireplace* fil-fond tal-konvenut. Il-konvenut ma jikkontestax dan. Il-konvenut ma jiċħadx li huwa fadallu jħallas €3,608 lis-soċjetà attriċi iżda jargumenta li m'għandux iħallas dan l-ammont stante li fil-fehma tiegħu, il-*fireplace* huwa difettuż. Anzi, huwa ppreżenta kontro-talba li fiha talab li s-soċjetà attriċi tkun

ikkundannata tħallsu €5,000. Għalhekk, il-verżjoni tas-soċjetà attriċi inkwantu li hija biegħet, issupplixxiet u nstallat *fireplace* fil-fond tal-konvenut fil-Mellieħa tinsab ben ippruvata.

Il-konvenut argumenta li d-difett tal-*fireplace* kien li l-fjamma kienet tiġbed lejn naħa partikolari u li waħda mill-ħġiġiet tal-*fireplace* kienet titħammeġ aktar. Fix-xhieda tiegħu a fol. 91, il-konvenut itteorizza li l-fjamma kienet tiġbed lejn naħa waħda biss għax l-arja li kienet qed tidħol fil-*fireplace* ma kinitx konsistenti. Huwa qal li huwa spjega lir-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi li l-*fireplace* ma kienx issiġillat bl-istess mod meta wieħed jipparaguna n-naħa ta' quddiem u n-naħa ta' wara.

Diversi drabi l-konvenut qal li l-*fireplace* ma kienx qiegħed jiffunzjona sewwa. Fil-fehma tat-Tribunal, sabiex ħaġa ma tiffunzjonax sewwa, trid tkun fi stat ta' impossibilità li twettaq il-funzjoni prinċipali tagħha. Fil-każ ta' *fireplace*, dan jitqies li ma jiffunzjonax kemm-il darba ma toħroġ ebda fjamma minnu jew toħroġ fjamma dgħajfa ħafna. F'dan il-każ, l-uniku lment tal-konvenut huwa li l-fjamma tiġbed lejn naħa waħda biss u konsegwentement naħa waħda tal-*fireplace* titħammeġ aktar minn naħat oħrajn.

It-Tribunal jista' jirrimarka li għalkemm huwa mhuwiex inġinier, huwa ferm normali li meta jkun hemm fjamma, din ser tipproduċi duħħan li eventwalment jaqbad mal-ħġieġ ċirkonferenzjali bir-riżultat li l-ħġieġ jitħammeġ. Fil-fatt, il-konvenut ma jikkontestax li minn żmien għal żmien, il-ħġieġ kien ser ikollu bżonn it-tindif.

Mhuwiex ċar, għalhekk, kif il-konvenut qiegħed jistenna li l-*fireplace* jiffunzjona. Mhuwiex realistiku li *fireplace* ma jipproduċix duħħan jew nugrufun. Huwa normali li l-ħruq tal-injam ser jirriżulta fi fjamma li tipproduċi duħħan u nugrufun. Hawn, it-Tribunal jirreferi partikolarment għall-kontro-eżami ta' Stephen Cipriott a fol. 97 sa fol. 99. Cipriott qal li "*…ma jfissirx li inti għax ħa tħallas il-flus mhux ser titħammeġ il-ħġieġa! Jekk ma tridx li ma titħammiġx il-ħġieġa ma tagħmilx fireplace.*"

Mistoqsi ulterjorment għaliex ma kinitx il-ħġieġa kollha li titħammeġ, ix-xhud wieġeb li n-nar ma kienx xi ħaġa prevedibbli u li l-fjamma kienet ħaġa li tiċċaqlaq. Barra minn hekk, il-ħġieġa ma kinitx titħammeġ immedjatament iżda kellhom jgħaddu ftit sigħat sabiex wieħed ikun jista' jara l-ħmieġ. Ix-xhud ma eskludiex li forsi seta' kien il-konvenut li kien qiegħed iqabbad il-*fireplace* b'metodu ħażin.

Fir-rigward tat-teorija tal-konvenut dwar allegat issiġillar ħażin jew inugwali, mhuwiex ċar kif il-konvenut wasal għal din il-konklużjoni. M'hemmx provi li l-konvenut qabbad xi professjonist biex jiggwidah jew li l-konvenut stess għandu ħiliet, taħriġ jew għarfien fil-qasam li tippermettilu jasal għal dik il-konklużjoni. Għalhekk, l-allegazzjoni li sar issiġillar ħażin hija biss allegazzjoni, mhux prova.

Il-konvenut ipprova jargumenta li l-fatt li n-nies tas-soċjetà attriċi marru fid-dar tiegħu diversi drabi kien jammonta għal prova li fil-fatt, il-*fireplace* ma kienx jaħdem kif suppost. Ħareġ ukoll mill-kontro-eżami ta' Philip Grech (fol. 100 *et seq.*) li l-konvenut donnu kien qed jipprova jgħid li l-fatt li s-soċjetà attriċi għamlet kuntatt mal-manifattur barra minn Malta donnu kien jammonta għal prova li l-*fireplace* ma kienx jiffunzjona sewwa.

It-Tribunal ma jaqbilx. Is-soċjetà attriċi aġixxiet sewwa meta wara kull ilment min-naħa tal-konvenut, marret fid-dar tal-konvenut sabiex tara b'għajnejha stess x'kien qiegħed jiġri. Hija ħadet l-ilmenti tal-konvenut bis-serjetà u riedet tkun ċerta li qabel tgħidlu li ma kien hemm xejn ħażin, tara li verament ma kien hemm xejn ħażin. M'hemmx dubju li kieku s-soċjetà attriċi qalet lill-konvenut fuq it-telefon li ma kien hemm xejn ħażin mingħajr ma tkun bagħtet ir-rappreżentanti tagħha fuq il-post, il-konvenut kien ikun fil-pożizzjoni li jargumenta li s-soċjetà attriċi ma wriet ebda interess.

Billi n-nugrufun kien idum ftit sigħat biex jibda jidher wara li jkun inxtegħel il-*fireplace*, mhux sorprendenti li f'xi okkażjonijiet, ir-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi damu ħin twil fil-fond tal-konvenut. Dan għax riedu jkunu ċerti. Mhuwiex il-każ li "*Atmost għamlu sigħat jippruvaw jirranġaw il-problema li kellhom*" (ara fol. 121). Anzi, għamlu tant żjajjar u damu tant ħin fuq il-post sabiex jippruvaw isibu mod biex jikkuntentaw lill-klijent. Ippruvaw jaraw x'setgħu jagħmlu biex minkejja li l-*fireplace* kien qed jaħdem sewwa, jaġġustaw is-*settings* u pereżempju l-pożizzjoni tal-ħatab sabiex jaġevolaw lill-konvenut.

Is-soċjetà attriċi aġixxiet korrettement meta bagħtet ritratti u *videos* tal-*fireplace* tal-konvenut (meħudin wara l-installazzjoni u matul id-diversi żjajjar) lill-manifattur, li min-naħa tiegħu kkonferma li l-*fireplace* kien qiegħed jaħdem sewwa.

Fi ftit kliem, it-Tribunal ma jistax isib bażi loġika għall-ilment tal-konvenut li jgħid li huwa kien qiegħed juża nofs il-*fireplace* biss. Meta *fireplace* ikun mixgħul, jiġifieri bil-fjammi għaddejjin, ikun mixgħul kollu u mhux nofsu. Dan jikxef kontradizzjoni fil-pożizzjoni tal-konvenut – jiġifieri li xi drabi jgħid li l-*fireplace* ma jiffunzjonax u drabi oħrajn jgħid li seta' juża nofsu biss.

Fir-rigward tal-kontro-talba, it-Tribunal josserva li l-konvenut talab ammont rappreżentanti spejjeż għal *gypsum* u *marble cladding*. Pero kif ammetta l-konvenut stess in kontro-eżami (fol. 92 u fol. 93), dan kien purament eżerċizzju estetiku u mhux riżultat tal-allegat difett fil-*fireplace*. Il-kontro-talba kienet tkun tagħmel sens kieku pereżempju l-*fireplace* kellu jinqala' minn postu sabiex jissewwa u mbaghad il-*gypsum* u l-irħam kellhom jitqiegħdu mill-ġdid.

Magħmulin dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal jara li t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi jimmeritaw akkoljiment filwaqt li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro-talba tiegħu huma privi minn kull bażi fattwali u legali.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

i. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;

ii. Jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi billi jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tagħha fl-ammont ta' tlett elef u sitt mija u tmien Ewro (€3,608) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas l-istess ammont lis-soċjetà attriċi;

iii. Jordna li l-interessi fuq l-ammont hawn indikat jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali numru 2116/2019, jiġifieri mill-4 ta' Frar 2020 (data tal-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali), u jordna li l-imgħax ikun ikkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi;

iv. Jordna li l-konvenut għandu jħallas l-ispejjeż kollha konnessi mal-ittra uffiċjali relattiva (billi l-eżistenza tal-istess ittra uffiċjali ġiet sodisfaċentement ippruvata);

v. Jiċħad il-kontro-talba tal-konvenut; u

vi. Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata għall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonanti.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**